Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Appell Numru: 359/2010

Il-Pulizija

Vs

Emanuel Bajada

Illum 22 ta' Settembru, 2016,

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

F' dawn il-gzejjer, f' Mejju tas-sena 2005 u fix-xhur precedenti, b' diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi, u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda :

1. Ittraffika persuni ta' l-eta, cioe` bl-ghan li dawk il-persuni jigu sfruttati ghall-prostituzzjoni, b'qerq jew ingann, u billi ta jew ircieva hlasijiet jew beneficcji sabiex jottejeni l-kunsens tal-persuna li kellha l-kontroll fuq persuna ohra ;

2. Ippromwova, ikkostitwixxa, organizza jew iffinanzja ghaqda ta' zewg persuni jew aktar bil-hsieb li jaghmlu reati kriminali li ghalihom jista` jehel il-piena ta' prigunerija ghal erba` snin jew aktar ;
3. Xjentement ghex ghal kollox jew in parti mill-qliegh tal-prostituzzjoni ta' persuni ta' nazzjonalita barranija u maltija ;
4. Zamm jew ezercita jew kellu sehem ma ohrajn fl-ezercizzju ta' briedel jew ta' dar, hanut je lokal iehor jew ta' xi parti minnhom li huma frekwentati jew maghduda bhala li huma frekwentati ghal skop ta' prosekuzjoni jew ghal skopijiet ohra mmorali ;
5. Talli bhala sid jew li ghandu taht idejh l-amministrazzjoni ta' dar jew fond u cioe` Adam's Guesthouse, fi Triq Ross, San Giljan u Pace's Guesthouse, fi Triq Santa' Agata, Sliema, xjentement ta' b'kiri, jew ippermetta l-uzu ta' dawn il-postijiet ghal skop ta' prostituzzjoni.

Il-Qorti giet mitluba sabiex minbarra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mill-ligi tordna r-revoka tal-licenzji kollha mahrugin fuq Adam's Guesthouse, Triq Ross, San Giljan u Pace's Guesthouse, Triq Sant' Agata, Sliema.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-20 ta' Lulju, 2010, fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli 18, 248A, 248B u 83A(2) tal-Kodici Kriminali u l-artikoli 7, 8, 9, u 10 tal-Kapitolu 63 tal-Ligijiet ta' Malta u ikkundannatu ghal piena ta' sentejn prigunerija. Rat l-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali u ordnat li tali piena ma ssehhx hlief jekk l-imputat jikkommetti reat iehor li ghalih hemm il-piena ta' prigunerija fi zmien erba` snin mil-llum. Minbarra dan ikkundannatu wkoll ghal hlas ta' multa ta' erba mija u sittin euro (€460). Rat ukoll l-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali u ordnat lill-imputat ihallas is-somma ta' tmien telef disa` mija u stta u tmenin euro (€8,986). Irrevokat ukoll l-licenzji kollha mahruga fuq Adam's Guesthouse, Triq Ross, San Giljan u Pace's Guesthouse, Triq Sant' Agata, Sliema.

Rat ir-rikors tal-Avukat Generali minnu pprezentat f1-4 ta'Awwissu, 2010 fejn talab lil din il-Qorti tirriforma is-sentenza appellata fis-sens illi :

a. tikkonfermaha fejn sabet lill-appellat hati ta' l-akkuzi kollha kif migjuba kontra tieghu ; filwaqt li
b. tirrevokha u thassarha f'dik il-parti fejn ikkundannat lill-appellat ghall-piena ta' sentejn prigunerija sospizi ghal erba` snin, u minflok tinfliggi piena skond il-ligi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti esebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant, huma s-segwenti w cioe':-

Illi l-aggravju huwa car u manifest u jikkonsisti f'illi l-piena erogata mill-ewwel Onorabbli Qorti ma kienitx fix-xorta jew kwantita` taghha dik ikkontemplata fil-ligi.

Illi l-pieni stabbiliti mill-Artikoli rigwardanti r-reati ammessi mill-appellat li jiksru d-dispozizzjonijiet tal-Kodici Kriminali huma is-segwenti :-

Illi l-Artikolu 248A tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta jistipola piena ta' prigunerija ghal zmien minn sentejn sa 9 snin :-

***'248A.*** *(1) Kull min, b'xi wieħed mill-mezzi msemmija fissubartikolu (2), jittraffika persuna tal-età bil-għan li dik il-persuna tiġi sfruttata fil-produzzjoni ta' oġġetti jew fl-*

*għoti ta' servizzi; jista', meta jinsab ħati, jeħel il-piena ta' priġunerija ta' żmien minn sentejn sa disa' snin.'*

Illi l-Artikolu 248B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta jaghmel referenza ghall-istess piena moghtija skond id-dispozizzjonijiet ta' l-Aritkolu 248A tal-Kap. 9 u cioe` piena ta' prigunerija ghal zmien minn sentejn sa disa` snin:-

***'248B.** Kull min, b'xi wieħed mill-mezzi msemmija fl-artikolu 248A(2) jittraffika persuna tal-età bil-għan li dik il-persuna tiġi sfruttata għall-prostituzzjoni jew f'attivitajiet pornografiċi jew fil-produzzjoni ta' materjal pornografiku jeħel, meta jinsab ħati, il-piena li hemm fl-artikolu 248A(1).'*

Illi l-artikolu 83A(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta jistipola piena ta' prigunerija ghal zmien minn sena sa 5 snin:

***'83A.** (1) Kull min jippromwovi, jikkostitwixxi, jorganizza jew jiffinanzja għaqda ta' żewġ persuni jew aktar bil-ħsieb li jagħmlu reati kriminali li għalihom jistgħu jeħlu l-piena ta' priġunerija għal żmien erba' snin jew iktar, jistgħu jeħlu l-piena ta' priġunerija għal żmien minn tlieta sa seba' snin.*

*(2) Kull min ikun jappartjeni għal għaqda msemmija fissubartikolu (1) jista' għal dak il-fatt biss jeħel il-piena ta' priġunerija għal żmien minn sena sa ħames snin.'*

Illi minkejja li d-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Qirda tal-Kummerc fil-Prostituzzjoni (Kap. 63 tal-Ligijiet ta' Malta) jippreskrivu tassattivament il-piena ta' prigunerija, l-Artikoli ta' l-imsemmija Ordinanzza jinqasmu fi tnejn ; (1) dawk li jippreskrivu perjodu kemm minimu u kemm massimu ta' prigunerija u (2) dawk li minkejja li jippreskrivu perjodu massimu ta' prigunerija ma jippreskrivux il-minimu.

Illi di fatti, l-artikolu 7(1) tal-Kap. 63 jistabilixxi piena ghal min jinsab hati tar-reat ikkontemplat f' dan l-artikolu *'jehel meta jinsab hati, il-piena tal-prigunerija ghal zmien ta' mhux izjed minn sentejn'* ; filwaqt li l-artikolu 8 tal-Kap. 63 jistabilixxi piena ta' *'meta jinsab hati, il-prigunerija ghal zmien ta' mhux izjed minn sentejn u multa ta' mhux izjed minn erba' mija u hamsa u sittin euro u sebgha u tmenin centezmu (465.87).'* Illi dawn iz-zewg artikoli, minkejja li jippreskrivu l-perjodu massimu ta' prigunerija, ma jippreskrivux perjodu minimu ta' l-istess ;

Illi min-naha l-ohra, l-artikolu 9 tal-Kap. 63 jistabilixxi piena ta' *'jehel, meta jinsab hati, il-piena tal-prigunerija minn xahar sa sitt xhur'* filwaqt li l-artikolu 10 ta' l-imsemmi Kap jistipola l-piena t' prigunerija ta' *'jehel meta jinsab hati, il-piena tal-prigunerija minn xahar sa sitt xhur'.*

Illi jinghad ukoll, madanakollu, li ghar-rigward tar-reat kontinwat, skind id-dispozizzjonijiet tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' malta, iz-zieda fil-piena minn grad sa zewg gradi hija fid-diskrezzjoni tal-gudikant. Dan l-artikolu jistipola illi :-

*'**18.** Meta d-diversi atti magħmulin mill-ħati, ukoll jekk fi żminijiet differenti, ikunu jiksru l-istess disposizzjoni tal-liġi, u jkunu ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, dawn l-atti jitqiesu bħala reat wieħed, imsejjaħ reat kontinwat, iżda l-piena tista' tiżdied minn grad sa żewġ gradi.'*

Illi fil-konsiderazzjonijiet taghha, l-Ewwel Qorti hasset illi kellha tersaq aktar lejn il-minimu ta' dawn ir-reati. Din il-konsiderazzjoni m'hijiex qed tigi kkontestata mill-esponenti izda anke jekk stess l-Ewwel Qorti kellha taghti l-minimu li setghet taghti, il-perjodu ta' sentejn prigunerija moghti mill-Ewwel Qorti huwa ferm inqas mill-minimu kif stabbilit mill-ligi. Illi di piu` l-Ewwel Qorti m'ghamlet l-ebda referenza ghad-dispozizzjonijiet ta' l-Artikolu 21 tal-Kodici

Kriminali li jirregola l-pieni li jinghataw that il-minimum stabbilit, biex b'hekk setghet tinsel taht il-minimum preskritt mill-ligi.

Illi b'hekk, meta wiehed jaghmel il-komputazzjoni matematika tal-minimum preskritt mil-ligi, a tenur tar-regolamenti stabbiliti permezz ta' l-artikolu 17(b) tal-kodici Kriminali, isib illi l-imputat kellu jinghata l-piena tad-delitt l-aktar gravi biz-zieda minn terz san-nofs taz-zmien tal-pieni l-ohra kollha mehudin flimkien.

Illi in vista tas-suespost, l-Ewwel Qorti kienet prekluza wkoll milli tapplika d-dispozizzjonijiet ta' l-Artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta stante li l-piena minima fil-kaz de quo tmur oltre mill-perjodu ta' prigunerija permessibbli sabiex sentenza ta' prigunerija tigi sospiza ai termini tal-istess artikolu;

Illi l-esponent jissottometti illi l-piena moghtija mill-Ewwel Qorti, u cioe` ta' sentenjn prigunerija, hija wahda manifestament miti u llegali;

Ikkunsidrat,

Ikkunsidrat,

Illi dan huwa appell imressaq mill-Avukat Generali limitatament ghal dak li jirrigwarda l-piena inflitta fuq l-appellat wara ammissjoni inkondizzjonata maghmula minnu quddiem l-Ewwel Qorti ghall-akkuzi migjuba kontrieh, bl-aggravvju illi l-piena erogata mill-Ewwel Qorti ma kenitx fix-xorta jew kwantita taghha dik ikkontemplata fil-ligi.

Ikkunsidrat,

Illi l-piena erogata mill-Ewwel Qorti fuq l-appellat ghar-reati ikkontemplati fl-artikoli 248A, 248B, 83A(2) tal-Kodici Kirminali u l-artikoli 7,8,9 u 10 tal-Kapitolu 63 tal-Ligijiet ta' Malta u li dwarhom gie misjub hati kienet wahda ta' sentejn prigunerija sospiza ghal erba' snin u multa ta' €460. L-ilment imressaq 'il

quddiem mill-Avukat Generali hija illi tali piena kienet wahda miti u illegali. Issa din il-Qorti bhala qorti ta' revizjoni ghandha tara biss jekk il-piena inflitta kenitx wahda li taqa' fil-parametri ta' dak dispost fil-ligi ghaliex jekk dan huwa il-kaz anke jekk l-istess hija wahda miti, madanakollu certament ma tistax tkun soggetta ghal revizjoni ghal dan il-mottiv biss u cioe' ghaliex tkun qed tqarreb lejn il-minimu.

Illi din il-Qorti mal-ewwel tistqarr illi l-Avukat Generali ma ghandux ragun. Dan ghaliex ghalkemm l-appellat gie misjub hati ta' sensiela ta' reati, madanakollu l-elementi kostituttivi taghhom huma l-istess u allura kellha tigi erogata il-piena ghar-reat l-iktar gravi bir-reati l-ohra ikunu komprizi u involuti kollha fir-reat l-iktar gravi. Illi dina l-ipotezi tal-konkors formali tar-reati giet imfissra fl-artikolu 78 tal-Kodici penali Taljan tal-1889:

"***Colui che con un medesimo fatto viola diverse disposizioni di legge, e' punito secondo la disposizione che stabilisce la pena piu' grave.***"

Dwar dan il-Professur Mamo fin-Noti tiegħu dawar il-Proċedura (paġina 45) jgħid hekk:

***' In any such case if the agent is tried for any one of the several violations of the law arising out of that fact, be it even the least serious, and a judgement is given, it shall not be lawful to subject the agent to another trial for the more serious violations. This principle, first expressly affirmed in 'Rex versus Rosaria Portelli' has now become settled law."***

"Fil-fatt fit-2 ta' Diċembru, 1939, l-Imħallef Harding fil-każ **'Camilleri versus Cilia'** kien qal li huwa prinċipju stabbilit fil-ġurisprudenza tagħna li meta mill-istess fatt, **mibni fuq l-istess intenzjoni,** jinkisru żewġ drittijiet jew aktar, **m'hemmx pluralita' ta' offiżi iżda offiża waħda** bil-vjolazzjoni li jkunu iżgħar jkunu assorbiti fil-vjolazzjoni l-aktar serja. U jekk persuna tkun iġġudikata għal waħda mill-vjolazzjonijiet u jkun meħlus jew jinsab ħati, is-sentenza iżżomm kull

prosekuzzjoni ġdida li tista' ssir għal kull vjolazzjoni oħra, ukoll jekk il-vjolazzjoni li jkun tressaq fuqha l-ewwel darba tkun l-anqas waħda serja.[1]"

Dwar il-konkors formali l-Professur Anthony Mamo fin-Noti tiegħu ikompli jgħid hekk:

*"The first form of the formal or Ideal concursus arises where the same 'fact' constitutes an offence under two or more provisions of the law. The two elements are, therefore, one fact and several violations of the law.... It is essential that the violations of the several provisions of the law be the result of a single action on the part of the offender and the same criminal determination.....in other words, they are accompanied by one formal element of the offence. That which therefore prevails in determining whether the fact was one is the assessment of the intention and the purpose of the agent.*

*But, on the other hand, it must be noted that the 'fact' may consist of several acts or a series of acts which, being inspired by one single criminal purpose, constitute together one single deed or transaction.' (page 152)."*

Kif gie deciz b'analogija mal-att ta'l-akkuza:

"**Att uniku jista` jaghti lok ghall-ksur ta` aktar minn disposizzjoni wahda tal-ligi. ... Id-dottrina u l-prattika kostanti tal-Qrati taghna fil-materja ta` reat uniku tindika illi fejn si tratta ta` "un solo e medesimo fatto", cjoe` att wiehed li jkun jirrizulta mill-istess intenzjoni kriminuza, liema att jinvolvi aktar minn dispozizzjoni wahda tal-ligi, ikun hemm l-unicita` tar-reati, cjoe` jkun hemm reat wiehed, dak magguri, salv pero` illi trid tirrizulta` necessarjament dik li hija msejha bhala l-inseparabilita` naturali u guridika bejn iz-zewg reati.**"[2].

Dan ifisser allura illi l-akkuzi kif postulati ghandu jirrizulta illi l-istess att doluz wassal ghal kummissjoni tad-diversi reati ta' traffikar u prostituzzjoni ta' persuni ta'l-eta u dan f'postijiet mizmuma ghal dan l-iskop mill-appellat bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Kapitolu 63 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi allura billi l-fatti tal-kaz

[1] Il-Pulizija vs Gregory Paul Brincat et – App.Inf. 20/09/2012

[2] ir-Repubblika ta' Malta vs Michael Bonnici u Joseph Azzopardi – 11/01/1994 App.Sup

jikkostitwixxu dak l-att uniku li qed jaghti lok ghal diversi vjolazzjonijiet kellha tinghata l-piena ghar-reat l-iktar gravi. Issa l-artikolu 248A u 248B tal-Kodici Kriminali jikkontemplaw piena ta' bejn is-sentejn u id-disgha snin prigunerija, filwaqt li l-artikolu 83A(2) igorr mieghu il-piena ta' prigunerija minn sena sa disgha snin. Ukoll r-reati ikkontemplati fil-Kapitolu 63 jikkontemplaw piena ta' prigunerija ta' massimu ta' sentejn ghar-reati fl-artikolu 7 u 8 u dik ta' prigunerija minn xahar sa sitt xhur fl-artikoli 9 u 10. Issa huwa indubitat illi r-reat ewlieni li tieghu gie misjub hati l-appellat huwa dak ikkontemplat fl-artikolu 248A tal-Kodici Kriminali fejn il-minimu tal-piena hija dik ta' sentejn prigunerija. Illi ghalkemm dan huwa reat kontinwat, madanakollu iz-zieda fil-piena minn grad sa tnejn hija fakoltattiva ghal Qorti u dan fit-termini ta' dak dispost fl-artikolu 18. Kwindi ma jidhirx illi il-piena erogata mill-Ewwel Qorti ghalkemm certament fil-minimu assolut, taqa'  barra l-parametri tal-ligi.

Illi din il-Qorti ma tistax tinjora ukoll certu fatti saljenti li necessarjament ghandhom jinfluwixxu fuq il-piena erogata. Fl-ewwel lok, dan il-kaz jirrisali ghas-sena 2005 u cioe' ghal ghaxar snin ilu. L-appellat ammetta ghall-akkuzi migjuba kontra tieghu u ikkopera mal-pulizija sa mill-bidunett ta'l-investigazzjonijiet u intrabat li anke jixhed f'kawzi ohra pendenti kontra nies ohra involuti fil-kummissjoni tar-reat. Illi ukoll din il-Qorti ma tistax tinjora r-rakkomandazzjoni maghmula mill-Ufficjal tal-Probation illi l-piena ma tigix mibdula, u dan minhabba "***l-eta pjuttost avvanzata tal-imputat, il-perijodu ta' iktar minn tmien snin li ghadda minn mindu twettaq ir-reat, flimkien mal-fatt li huwa ma fetahx kazijiet ohra minn dak iz-zmien. ... F'dan ir-rigward ittiehdu in konsiderazzjoni wkoll il-hajja stabbli li ghandu l-imputat kif ukoll iz-zewg episodji li hallew impatt trawmatiku u cioe' il-mewt tan-neputija tieghu fil-perijodu li fih twettaq ir-reat kif ukoll il-mewt ta' ibnu matul il-perijodu li fih qieghed jinstema dan l-appell.***" Kwindi indubitament il-piena erogata hija

wahda li taqa' fil-parametri tal-ligi u ghalkemm fil-minimu taghha hija wahda idonja fic-cirkostanzi.

Ghaldaqstant ghal dawn il-motivi kollha l-appell qed jigi michud u is-sentenza appellata ikkonfermata.

(ft) Edwina Grima

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur